# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 12**

**Rikors numru 938/10 AF**

**Enemalta p.l.c. (C – 65836) ġja magħrufa bħala l-Korporazzjoni Enemalta**

**v.**

**Id-Direttur tal-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta u l-Avukat Ġenerali, illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat[1]**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2014 (aktar 'il quddiem imsejħa "is-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, ċaħdet it-talbiet tal-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti"),

[1] Bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2019 dwar l-Avukat tal-Istat (Kap 603) (ara A.L. 329/19)

wara li astjeniet milli tqis l-ewwel eċċezzjoni u laqgħet it-tieni eċċezzjoni preliminari tad-Direttur intimat u tal-intimat Avukat Ġenerali (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellati");

2. Fl-azzjoni tagħha, l-appellanti kienet talbet lill-ewwel Qorti ssib li d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fid-29 ta' Marzu, 2010 (dwar talba biex titħassar deċiżjoni mogħtija mill-appellat fis-17 ta' Marzu, 2009[2], dwar it-tifsir ta' arranġament ta' ħlas ta' kummissjonijiet fuq it-tħaddim ta' pompi tal-petrol b'mod mekkanizzat) kienet imsejsa fuq żball tal-liġi li joħroġ mil-liġi nnifisha u għalhekk bi ksur tagħha, u biex issib li dik id-deċiżjoni kienet mingħajr effett fil-konfront tal-kumpannija appellanti;

3. L-appellat (flimkien mal-Avukat Ġenerali) kien laqa' għall-imsemmija azzjoni billi, fl-ewwel lok u preliminarjament, kien qal li l-azzjoni tal-appellanti ma tiswiex għaliex ma kinitx tressqet intimazzjoni ġudizzjarja qabel infetħet skond kif jitlob l-artikolu 460 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u wkoll għaliex qal li d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust fid-29 ta' Marzu kienet tejba u mistħoqqa. Aktar 'il quddiem, l-appellati kienu rtiraw l-ewwel eċċezzjoni preliminari minħabba li kien ħareġ li l-appellanti kienet ressqet l-interpellazzjoni preventiva qabel fetħet il-kawża;

[2] Dok EC1", f'paġġ. 6 sa 24 tal-proċess

4. Illi biex l-ewwel Qorti waslet għall-fehma tagħha, hija għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"*Ikkunsidrat illi mill-atti proċesswali jirrizultaw is-segwenti fatti li qed jigu prodotti f'ordni kronologiku:*

*"(a) illi fl-4 ta' Jannar 2006 id-Direttur intimat kien ircieva ilment minghand is-socjetà Hompesch Station Limited intavolat fil-konfront ta' tlett entitajiet fosthom il-Korporazzjoni rikorrenti u dana rigwardanti arrangamenti milhuqa minnhom mal-GRTU u l-passi sussegwenti li hadu a bazi tal-istess arrangamenti in rapprezentanza tas-sidien tal-pompi tal-petrol rigwardanti d-distribuzzjoni u bejgh ta' prodotti taz-zejt mill-istess pompi tal-petrol. Jirrizulta li kien hemm ftehim konkluz mal-pompi tal-petrol tramite l-GRTU fl-1997 li baqa' jigi attwat anke wara d-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.*

*"(b) illi fis-17 ta' Marzu 2009 id-Direttur intimat iddecieda illi kien hemm ksur tal-Artikolu 8(1) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap 379) fil-konfront tal-Korporazzjoni intimata u konsegwentement ordna l-hrug ta' ordni ta' waqfien u ta' ebda tkomplija;*

*"(ċ) illi fl-1 ta' April 2009, il-Korporazzjoni rikorrenti kienet talbet li d-decizjoni tad-Direttur intimat tigi mistharrga mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust;*

*"(d) illi fit-3 ta' April 2009, b'rikors appozitu ai termini tal-artikolu 13(A)(1) tal-Kap 379 id-Direttur intimat talab lill-Kummissjoni tistharreg il-kwistjoni;*

*"(e) illi fid-29 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni emanat id-decizjoni taghha.*

*"Il-Korporazzjoni attrici qed titlob li l-Qorti tvarja decizjoni moghtija mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust li kienet ikkonfermat decizjoni tad-Direttur intimat moghtija fuq ilment mressaq minn Hompesch Service Station Limited kontra l-Korporazzjoni rikorrenti, il-Gvern ta' Malta u l-Awtorità Maltija dwar ir-Rizorsi. Il-bazi tal-azzjoni odjerna mhuwiex l-apprezzament tal-fatti izda hija bazata fuq l-argument li d-decizjoni tal-Kummissjoni ma tiswiex ghaliex hija zbaljata fid-dritt in kwantu tmur direttament kontra d-disposizzjonijiet tal-Ligi miktuba u tonqos milli tapplika l-ligi vigenti fiz-zmien rilevanti. Dan l-argument huwa msejjes mat-tezi li l-Kummissjoni applikat ligi li ma kinitx vigenti ghall-agir lanjat in kwantu l-Korporazzjoni rikorrenti ma kienitx sindikabbli taht il-Ligi dwar il-Kompetizzjoni Gusta qabel l-1 ta' Mejju 2004 u mid-data tal-emanazzjoni tal-Avviz Legali 6 tal-2001, l-effetti anti-kompetittivi jekk ezistew kienu rizultat ta' dik il-ligi ghal liem ma twegibx il-Korporazzjoni*

*rikorrenti.*

*"L-intimati laqghu ghal dan billi sostnew illi, filwaqt illi jirrikonoxxu li l-Ligi dwar il-Kompetizzjoni Gusta ma kienitx applikabbli qabel l-2004, il-Korporazzjoni rikorrenti baqghet tagixxi b'mod anti-kompetittiv anki wara l-1 ta' Mejju 2004 u li l-iskop tal-ligi huwa rilevanti mhux biss meta sar il-ftehim imma aktar importanti l-perjodu li fih baqa' jigi implimentat dak il-ftehim u ladarba l-Kummissjoni rriteniet esplicitament li l-Korporazzjoni rikorrenti ma tistax tinzamm responsabbli ghall-agir qabel 1 ta' Mejju 2004, id-decizjoni tal-Kummissjoni mhijiex bazata fuq zball tal-ligi applikabbli.*

*"Ikkunsidrat illi l-Kap 379 promulgat bl-Att XXXI tal-1994 beda japplika ghall-Korporazzjoni rikorrenti mill-1 ta' Mejju 2004 bis-sahha tal-Avviz Legali 331 tal-2004 wara li bih hassret l-Ordni tal-Ezenzjoni pubblikat bl-Avviz Legali 144 tal-2002. Dan huwa rikonoxxut mill-kontendenti kollha f'din il-kawza. Dan gie wkoll rikonoxxut mid-Direttur intimat fid-decizjoni tieghu moghtija fis-17 ta' Marzu 2009 li f'paragrafu 51 tal-istess (a fol. 18 tal-process) ikkonkluda s-segwenti:*

> *"49. …At this juncture it is important to point out that the Corporation cannot be held liable for its conduct prior to May 2004 as until such date it is exempt from the provisions of this Act according to the Exemption Order for the purposes of Article 30 of the Competition Act. Indeed it was only when the Minister for Competitiveness and Communications repealed, by virtue of Legal Notice 331 of 2004, the said Exemption Order, that, Enemalta was rendered subject to the Act with effect from the 1st of May 2004".*

*"F'dan l-istess sens hija d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni li kkonfermat fil-parti intitolata "Decide" paragrafu numru 1 fejn "ikkonfermat l-interezza taghha d-decizjoni tad-Direttur tal-ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta datata 17 ta' Marzu tas-sena 2009".*

*"Ghalhekk huwa car illi d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust moghtija mill-Kummissjoni fid-29 ta' Marzu 2010 issindakat l-agir tal-Korporazzjoni intimata b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 meta l-Korporazzjoni ma baqghatx aktar ezenti mid-disposizzjonijiet tal-Kap 379 izda saret suggetta ghar-regoli previsti f'dak l-Att. L-analizi tad-Direttur intimat u d-decizjoni moghtija mill-Kummissjoni kienu essenzjalment limitati temporalment esklussivament mill-1 ta' Mejju 2004 'il quddiem.*

*"Ghalhekk din il-Qorti ma tirriskontra fir-rigward ebda illegalità fid-decizjoni mehuda mill-Kummissjoni ghal Kummerc Gust.*

*"Fit-tieni parti tal-ilment taghha, il-Korporazzjoni rikorrenti tistrieh fuq l-Avviz Legali 102 tal-2002 li dahal fis-sehh fit-2 ta' Mejju 2002. Dan l-Avviz Legali, li kien gie adottat mill-Ministru responsabbli mis-Servizzi Ekonomici, jidher li kien jirrifletti il-hinijiet tal-gestjoni tal-pompi kontenut fi ftehim bejn il-GRTU u l-Korporazzjoni rikorrenti li kopja tieghu qatt ma*

*giet imressqa a disposizzjoni tal-Qorti. Ghalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti ghandha bilfors tistrieh fuq dak li gie dikjarat fid-decizjonijiet moghtija mid-Direttur intimat u mill-Kummissjoni kif ukoll mill-partijiet.*

*"Il-Korporazzjoni rikorrenti tikkontendi li wara d-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali, ir-responsabbilità ghal regim li jista' jitqies anti-kompetittiv mhijiex tal-Korporazzjoni ghaliex il-Korporazzjoni la taghmel ligijiet u wisq anqas tista' tinzamm b'xi mod responsabbli ghall-emanazzjoni tal-istess jew ghall-effetti fuq il-kompetizzjoni li jkollu regim regolatorju implimentat permezz ta' Avviz Legali mill-Ministru responsabbli.*

*"L-Avviz Legali 102 tal-2002 stipula s-segwenti kondizzjonijiet relatati mal-gestjoni tal-attività kummercjali konsistenti fi thaddim ta' pompi tal-karburant u dana huwa rifless fil-hinijiet indikati fit-Tielet Skeda, Parti II:-*

*"(a) bejn it-Tnejn u l-Gimgha bejn is-sitta ta' filghodu (6.00am) u s-sitta ta' filghaxija (6.00pm) u s-Sibtijiet bejn is-sitta ta' filghodu (6.00am) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm), il-pompi kellhom joffru s-servizzi ta' impjegati biex jassistu lill-konsumatur;*

*"(b) l-uzu ta' pompi awtomatici kellu jkun minghajr ebda restrizzjoni ta' hin;*

*"(ċ) pompi awtomatici huma pompi li minnhom konsumatur seta' jixtri l-petrol, diesel jew zjut ohra minghajr ma jkun hemm il-bzonn li jkun assistit minn xi hadd.*

*"Skont ir-regolament 50 tal-istess Avviz Legali, ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti stipulati fl-Avviz Legali kienet punibbli bi hlas ta' multa.*

*"Il-kwistjoni li tressqet quddiem id-Direttur intimat ma kienitx tieqaf sal-analizi dwar il-legislazzjoni, u dwar jekk tali legislazzjoni kienitx tikser il-Ligi dwar il-Kompetizzjoni.*

*"Il-kwistjoni kienet titratta wkoll l-iskema ta' ghoti ta' kummissjonijiet li l-istess Korporazzjoni rikorrenti holqot favur il-pompi tal-karburant li jibqghu jservu lil pubbliku bejn is-sitta ta' filghaxija u s-sitta ta' filghodu permezz ta' pompi awtomatici u min jikser dan il-ftehim dwar il-gestjoni tal-operat tal-pompi kien jitlef il-beneficcju tal-kummissjoni.*

*"F'dan is-sens il-Korporazzjoni rikorrenti agixxiet b'mod anti-kompetittiv meta rabtet l-eligibilità ghal hlas ta' kummissjoni mal-mod ta' distribuzzjoni tal-karburant b'tali mod li kienet qeghda tohnoq is-suq, b'konsegwenzi finanzjarji ghal dawk l-operaturi li xtaqu jiggestixxu l-pompi b'mod differenti.*

*"Il-fatt li l-Korporazzjoni rikorrenti ottjeniet bidla fir-regim statutorju sabiex jirrifletti l-hinijiet tal-gestjoni kontenut fil-ftehim anti-kompetittiv li*

*kienet ghamlet mal-GRTU ma jezentahiex mir-responsabbilità taghha.*

*"Fil-fatt il-Korporazzjoni rikorrenti ma rriflettietx biss il-ligi applikabbli izda fil-ftehim li haddmet mal-GRTU marret oltre mir-regim regolatorju sabiex issahhah id-diskriminazzjoni fis-suq tad-distribuzzjoni tal-karburant. Dan baqghet taghmlu kemm qabel id-dhul fis-sehh tal-Avviz Legali 102 tal-2002 kif ukoll wara.*

*"Ghalhekk l-ahhar parti ta' dan l-ilment tal-Korporazzjoni rikorrenti qieghed jigi ukoll michud.*";

5. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnha fid-29 ta' Ottubru, 2014, l-appellanti talbet li, għar-raġunijiet hemm imsemmija u wara li ħassitha aggravata mis-sentenza appellata, din il-Qorti jogħġobha tħassar is-sentenza appellata u tilqa' t-talbiet tagħha billi ssib li d-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni fid-29 ta' Marzu, 2010, kienet – safejn tolqot lilha – imsejsa fuq żball ta' liġi li joħroġ mid-deċiżjoni nnifisha safejn ingħatat bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati;

6. Min-naħa tagħhom, l-appellati laqgħu għall-imsemmi appell b'Risposta li ressqu fis-17 ta' Novembru, 2014, u li fiha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qalu li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell għaliex is-sentenza appellata hija tajba u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell waqt is-smigħ tas-7 ta' Jannar, 2020;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appell tħalla għal-lum għas-sentenza

***Ikkunsidrat:***

10. Illi fil-qofol tiegħu, il-każ jirrigwarda stħarriġ ġudizzjarju minn deċiżjoni ta' korp kważi-ġudizzjarju li qiegħed jingħad li kienet imsejsa fuq tħaddim ħażin tal-liġi fis-seħħ fiż-żmien rilevanti. L-appellanti, li kienet waħda mill-partijiet fil-każ, qiegħda titlob li din il-Qorti ssib li ma jiswewx kemm id-deċiżjoni meħuda kemm mid-Direttur appellat (fis-17 ta' Marzu, 2009) u kif ukoll dik meħuda mill-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust (fid-29 ta' Marzu, 2010[3]) li ikkonfermat l-ewwel deċiżjoni, u dan għaliex tgħid li dawk id-deċiżjonijiet ma jiswewx billi jmorru għal kollox kontra l-liġi u saħansitra jonqsu għal kollox milli jħaddmu l-liġi li kienet fis-seħħ fiż-żmien rilevanti;

11. Illi b'**aggravju waħdieni tagħha** (mifrux fuq għadd ta' paragrafi) mis-sentenza appellata, l-appellanti tressaq l-ilment li l-ewwel Qorti naqset li tqis sewwa l-argumenti tagħha kif imfissra fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Fil-qosor, l-appellanti tfisser dan l-aggravju billi tgħid li l-ewwel Qorti naqset

[3] Dok "EC2", f'paġġ. 25 sa 43 tal-proċess

tagħraf li ma kinitx l-appellanti li mxiet fis-settur b'mod anti-kompetittiv, imma kien il-leġislatur li ħalaq din il-klima meta daħħal fis-seħħ l-Avviż Legali 102 fit-2 ta' Mejju, 2002[4]. L-appellanti tisħaq li hija ma kinitx il-leġislatur u lanqas għandha setgħat li tgħaddi liġijiet jew li tinfluwenza lil-leġislatur dwar il-liġijiet li jogħġbu jippromulga. Għalhekk, l-appellanti tgħid li l-ewwel Qorti ma għarfitx li l-imġiba diskriminatorja jew anti-kompetittiva li tagħha l-appellanti nstabet ħatja ma kinitx ġejja mit-tħaddim tal-ftehim li kien intlaħaq bejnha u l-G.R.T.U. fit-18 ta' Marzu, 1997, imma sewwasew mit-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Avviż Legali, u dan wara l-1 ta' Mejju, 2004[5], meta hija ma baqgħetx aktar eżenti mit-tħaddim tal-liġi dwar il-Kompetizzjoni[6];

12. Illi l-appellati jwarrbu l-argument tal-appellanti dwar l-aggravju tagħha billi jgħidu li l-ewwel Qorti qieset sewwa kemm l-aspetti fattwali u kif ukoll dawk legali marbuta mal-ilment u kif ukoll li tagħraf bejn kif kienet regolata l-appellanti qabel tilfet l-eżenzjoni u kif kienet il-qagħda legali wara l-bidu ta' Mejju tal-2004, meta l-eżenzjoni ntemmet. L-appellati jgħidu li l-ewwel Qorti qalet sewwa meta sabet li l-appellanti baqgħet iġġib ruħha bl-istess mod ukoll wara li ntemmitilha l-eżenzjoni. Iżidu jgħidu li, għall-finijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni ġusta, jkun rilevanti t-tħaddim ta' kull ftehim (lil hinn minn meta jkun sar) li jitlob mill-partijiet kontraenti xi

4 Regolamenti tal-2002 dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ, kif imtennija bl-A.L. 1 tal-2006 (illum m'għadhomx fis-seħħ, għaliex tħassru b'oħrajn fl-2016, L.S. 441.07)

5 Bl-A.L. 331 tal-2004 (Dok "EC3", f'paġ. 96 tal-proċess)

6 Att XXXI tal-1994 (Kap 379)

sura ta' mġiba li xxekkel tali kompetizzjoni;

13. Illi l-Qorti fliet sewwa d-deċiżjonijiet li wasslu lill-appellanti tiftaħ il-kawża tallum u dan sar bil-għan li tkun f'qagħda tapprezza l-istħarriġ li wettqet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u wkoll is-siwi tal-aggravju tal-appellanti. L-appellanti qagħdet b'seba' għajnejn biex tfassal l-aggravju tagħha fuq it-tħaddim ħażin tal-liġi min-naħa tal-ewwel Qorti u mhux fuq il-kawżali tal-apprezzament tal-fatti. Madankollu, jidher li meta l-appellanti fetħet din il-kawża, kienet qiegħda tilmenta minn nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni għall-Kummerċ Ġust li attribwitilha mġiba anti-kompetittiva għal żmien meta l-appellanti kienet eżenti mit-tħaddim tal-Liġi dwar il-Kompetizzjoni. Fi kliem ieħor, biex wieħed iqis is-siwi tal-aggravju tal-appellanti, ma jistax ma jittiħidx qies ukoll tal-apprezzament tal-fatti li seħħew fiż-żmien rilevanti;

14. Illi fost l-ilmenti tal-appellanti dwar is-sentenza appellata (u kif ukoll id-deċiżjonijiet li dik is-sentenza ntalbet tistħarreġ) hemm dak li jgħid li hija tqieset ħatja ta' ksur tar-regoli kontra l-kompetizzjoni ġusta dwar żmien meta hija kienet meħlusa mill-ħarsien ta' dawk ir-regoli. Din hija xilja li l-appellanti ssemmiha bħala waħda mill-premessi tal-azzjoni tagħha, u li fuqha tibni r-raġuni li wasslitha biex fetħet din il-kawża: jiġifieri, dak li hija ssejjaħħlu "d-dritt ta' re-integrazzjoni". Hija tgħid, b'mod partikolari, li minħabba l-implikazzjonijiet tad-deċiżjonijiet meħuda mid-Direttur u konfermata mill-Kummissjoni fil-konfront tagħha, hija saret

passibbli għal azzjonijiet ta' danni minn terzi interessati, billi ċ-ċensura tal-imġiba tagħha ntrabtet ma' żmien meta hi ma kinitx passibbli ta' skrutinju sewwasew minħabba l-eżenzjoni li kienet tagħtiha l-liġi. It-tieni lment tal-appellanti hu li, wkoll wara li ntemmet l-eżenzjoni, hija ma għamlet xejn għajr ħarset il-liġi li kienet fis-seħħ bis-saħħa tal-Avviż Legali tal-2002, u għalhekk ukoll l-imġiba tagħha lanqas setgħet tiġbed fuqha ċ-ċensura tad-Direttur u tal-Kummissjoni, u l-ewwel Qorti naqset li tagħraf dan fis-sentenza appellata;

15. Illi minn qari b'reqqa kemm tad-deċiżjonijiet impunjati tad-Direttur u tal-Kummissjoni u kif ukoll tas-sentenza appellata, din il-Qorti tqis li l-ewwel ilment tal-appellanti mhuwiex tajjeb. Kemm id-deċiżjoni tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta[7] u kif ukoll dik tal-Kummissjoni[8] jagħmluha ċara li l-appellanti ma setgħetx titqies ħatja ta' mġiba anti-kompetittiva mwettqa qabel l-1 ta' Mejju, 2004. Dan jinsab rifless u mtenni espressament ukoll fis-sentenza appellata. Għalhekk, l-appellanti ma tgħidx sewwa li s-sentenza appellata (u d-deċiżjonijiet li l-ewwel Qorti ntalbet tistħarreġ) tinbena fuq tħaddim ħażin tal-liġi. U lanqas jista' jkun li xi terz aggravat minn dik l-imġiba jinqeda bid-deċiżjonijiet imsemmija biex jitlobha tħallsu d-danni b'riżultat ta' mġibitha dwar kull żmien qabel intemmet l-eżenzjoni;

16. Illi għalhekk, safejn l-aggravju mis-sentenza appellata jinbena fuq

[7] § 49, Ara Dok "EC1" f'paġ. 15 tal-proċess
[8] § J, Ara Dok "EC2" f'paġġ. 42 – 3 tal-proċess

dan l-ilment, il-Qorti ssib li mhuwiex mistħoqq u li saħansitra d-deċiżjonijiet u s-sentenza appellata jmieru dan l-ilment fid-dieher;

17. Illi għal dak li jirrigwarda t-tieni ilment, l-appellanti tgħid li wara li nħalqet l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, hija ma baqgħetx aktar regolatur dwar is-sistema tat-tħaddim u t-tmexxija tal-kummerċ tal-karburanti f'pajjiżna, iżda biss operatur: u b'mod partikolari, hija ma kienx fadlilha setgħa li toħroġ liċenzi għall-ftuħ u t-tħaddim ta' pompi tal-*petrol*, u wisq anqas tirregola l-kundizzjonijiet tat-tħaddim tagħhom. Għalhekk hija tgħid li, wara l-1 ta' Mejju, 2004, l-imġiba tagħha kienet regolata bil-liġi (bl-Avviż Legali 102 tal-2002, kif emendat) u hija ħarset fedelment id-dispożizzjonijiet tal-liġi. B'hekk ukoll, ma setgħet titgħabba bl-ebda ħtija ta' mġiba anti-kompetittiva u dan ukoll isejjes l-aggravju tagħha mis-sentenza appellata;

18. Illi l-Qorti tqis li dan l-ilment jitlob stħarriġ aktar mirqum minn ta' qablu. L-appellanti tibni l-argument li, malli daħal fis-seħħ l-Avviż Legali, kull ftehim li hija kienet għamlet mal-G.R.T.U. dwar it-tħaddim tal-pompi tal-*petrol* fl-1997 u fl-1999, intemm għaliex minn hemm 'il quddiem kienet torbot il-liġi. Tajjeb li jingħad li l-Avviż Legali, fil-parti rilevanti għall-kwestjoni mistħarrġa mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta u mill-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni Ġusta fid-deċiżjonijiet impunjati, kien jitkellem dwar il-ħinijiet tax-xogħol fil-pompi[9] u mhux ukoll dwar kemm, kif

[9] Skeda III, Taqsima ii § 01

u lil min titħallas il-kummissjoni dwar il-bejgħ ta' karburanti jew jekk tkunx dovuta f'każ li ma jintużawx il-pompi awtomatiżżati wara l-imsemmija ħinijiet. Dan ifisser, fil-fehma tal-Qorti, li s-sistema tal-ħlas tal-kummissjonijiet lill-operaturi tal-pompi tal-*petrol* li l-appellanti kienet twettaq wara l-1 ta' Mejju, 2004, kien baqa' jkun regolat bl-arranġamenti li kellha mal-G.R.T.U. Ta' min jgħid li l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni Ġusta kien ilu minn Diċembru tal-1999 li sab li s-sistema ta' ħlas ta' kummissjonijiet li jagħraf bejn min kien iħaddem pompi awtomatiżżati u min jinqeda b'modi oħrajn biex ibigħ il-karburant lill-konsumaturi, kien sistema diskriminatorju w anti-kompetittiv bi ksur tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 379. Naturalment, sa Mejju tal-2004, l-appellanti ma setgħetx tinsab ħatja ta' mġiba anti-kompetittiva taħt dan l-arranġament, imma ma kien hemm xejn x'iżomm lid-Direttur appellat milli jqis xi prattika kummerċjali bħala waħda li tikser il-Kapitolu 379 jekk jirriżultaw l-elementi li jippruvaw ksur bħal dak;

19. Illi minn qari tad-deċiżjonijiet impunjati, joħroġ ċar li d-dispożizzjonijiet fuq imsemmija tal-Avviż Legali huma mera ta' dak li kien maqbul bejn l-appellanti u l-G.R.T.U., u kif ukoll ftehim oħra li l-istess appellanti daħlet fihom ma' operaturi individwali ta' pompi tal-*petrol* wara l-2001. Is-sistema tal-ħlasijiet ta' kummissjonijiet differenzjati baqa' jsir wara Mejju tal-2004, u l-appellanti kienet parteċipant ewlieni f'dan is-sistema. Dawn il-kostatazzjonijiet saru mill-Uffiċċju[10] u mill-Kummissjoni

[10] §§ 51 – 6, Ara Dok "EC1", f'paġġ. 18 – 9 tal-proċess

fid-deċiżjonijiet impunjati b'riferenza għall-imġiba tal-appellanti fi żmien meta hija kienet saret passibbli għall-istħarriġ taħt il-Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-istess kostatazzjonijiet saru wkoll fis-sentenza appellata;

20. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-appellanti ma tistax tistkenn wara dan l-ilment tagħha mis-sentenza appellata bl-argument li hija obdiet il-liġi u ma setgħetx tinstab ħatja ta' mġiba anti-kompetittiva. Fl-ewwel lok, dan jingħad għaliex kien l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta nnifsu li qies li d-dispożizzjonijiet tal-Avviż Legali li jirrigwarda l-ħinijiet tax-xogħol tal-pompi tal-*petrol* (safejn kienu jirregolaw il-mod kif jitħaddmu wara l-ħinijiet "regolari") kienu jiksru l-liġi dwar il-Kompetizzjoni u irrakkomanda li jitħassru[11], kif fil-fatt ġara xi żmien wara[12]. Fit-tieni lok, id-dispożizzjonijiet imsemmija tal-Avviż Legali kienu jirriflettu l-ftehim li l-appellanti kellha mal-G.R.T.U u jiffaċilitaw is-sistema tal-ħlas differenzjat ta' kummissjonijiet imħallsa. Fit-tielet lok, għaliex l-appellanti nnifisha baqgħet tisħaq matul is-smigħ tal-każ quddiem l-Uffiċċju dwar il-Kompetizzjoni Ġusta u quddiem il-Kummissjoni għall-Kompetizzjoni Ġusta li s-sistema tal-ħlas differenzjat tal-kummissjonijiet ma kienx jikser il-liġi dwar kompetizzjoni ġusta, iżda, għall-kuntrarju, kien ta' ġid għall-konsumaturi. Jidher ukoll li l-appellanti baqgħet tħaddem is-sistema tal-ħlasijiet tal-kummissjoni differenzjata wara l-bidu ta' Mejju tal-2004;

---

[11] §§ 73 – 4, Ara Dok "EC1", f'paġ. 23 tal-proċess
[12] Ara A.L. 53 tal-2010

21. Illi għalhekk, il-fehma tal-ewwel Qorti fis-sentenza appellata ma jistax jingħad li kienet mibnija fuq evalwazzjoni ħażina tad-deċiżjonijiet impunjati, li lanqas huma ma kienu milquta minn tħaddim ħażin tal-liġi li kienet tgħodd għall-każ fiż-żmien rilevanti;

22. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li lanqas dan l-ilment dwar l-aggravju mis-sentenza appellata ma huwa mistħoqq u għalhekk l-aggravju tal-appellanti mhux se jintlaqa';

***Decide:***

23. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell** tal-kumpannija appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra l-imsemmija soċjetà appellanti.

Joseph Azzopardi
Prim Imhallef

Joseph R. Micallef
Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Deputat Registratur
rm